# Leħen is-Sewwa



LIL DIN L-ART ĦELWA, L-OMM LI TATNA ISIMHA,
ĦARES MULEJ KIF DEJJEM INT ĦARIST;
FTAKAR LI LILHA BL-OĦLA DAWL LIBBIST!

AGĦTI KBIR ALLA D-DEHEN LIL MIN JAĦKIMHA:
RODD IL-ĦNIENA LIS-SID, SAĦĦA L-ĦADDIEM;
SEDDAQ IL-GĦAQDA FIL-MALTIN U S-SLIEM!

CREMONA

## MALTA TIFRAĦ F'JUM L-INDIPENDENZA TAGĦHA

21 TA' SETTEMBRU 1964

JINBIEGH 6d.

# LEĦEN IS-SEWWA

Maħruġ mill-Azzjoni Kattolika Maltija

IS-SEBGĦA U TLETIN SENA | Is-Sibt, 19 ta' Settembru, 1964 | Nru. 4747

# MALTA INDIPENDENTI

**EDITORJAL**

## DAN IN-NUMRU SPEĊJALI

L-Indipendenza ta' pajjiż għandha l-aspett politiku tagħha, iżda għandha wkoll l-aspett nazzjonali għaliex hija t-twettiq ta' aspirazzjoni leġittima ta' kull poplu. L-istorja timxi dejjem 'il quddiem u fl-evoluzzjoni tagħha ġġib ċertu livell bejn poplu u ieħor, bejn nazzjon u oħra. Din l-evoluzzjoni hija t-twettiq ta' missjoni li Alla l-Imbierek ħalla f'idejn il-bnedmin, bħalma ħalla f'idejn il-bniedem il-progress tax-xjenza permezz tal-kixfa ta' dawk it-teżori moħbija fin-natura u maħluqa minn Alla stess.

L-Indipendenza għal Malta hija fatt storiku li bir-raġun kollu għandu jiġi mfakkar u solennizzat. Ma tistax tinkiteb sewwa l-Istorja ta' Malta fiż-żminijiet futuri mingħajr ma jitniżżel dan l-avveniment li qegħdin niċċelebraw f'dawn il-jiem.

Il-ġrajja ta' l-Indipendenza mhix xi fatt iżolat u waħdu. Il-kisba ta' l-Indipendenza hi marbuta ma' l-istorja kollha ta' pajjiżna, hi parti mill-evoluzzjoni storika ta' Malta u Għawdex. F'din il-katina ta' l-istorja hemm mumenti li ġew reġistrati b'ittri tad-deheb. Sa minn żmien qabel ma ġew il-Kavalieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann, il-poplu Malti ħass il-bżonn li jigverna lilu nnifsu, li jkollu l-libertajiet ċivili tiegħu. Fi żmien il-Franċiżi, il-Maltin ħadu f'idejhom it-tmexxija ta' pajjiżhom u meta talbu l-protezzjoni tal-Gran Brittanja, mal-maturita' politika tal-poplu, komplew l-insistenza għal-libertajiet kostituzzjonali sakemm wasalna għall-Kostituzzjoni tal-1921 u minn hemm għall-Kostituzzjoni ta' l-Indipendenza.

Il-poplu Malti, bħala poplu li baqa' dejjem marbut fedelment mar-Reliġjon ta' Kristu, rabat l-istorja ċivili tiegħu mal-ħajja reliġjuża. Reliġjon u Patrija kienu dejjem flimkien, kienu l-binarju li fuqu l-Maltin mexxew il-ħajja tagħhom kollha. Għalhekk il-lum il-maġġuranza tal-poplu Malti riedet li r-Reliġjon Kattolika jibqa' jkollha l-pożizzjoni tagħha fil-ħajja tagħha ta' kuljum. Taħt it-tmexxija qalbiena u għaqlija ta' Mons Arċisqof Gonzi, Malta Kattolika ma' l-Indipendenza tagħha kisbet garanzija tar-rispett lejn it-tradizzjonijiet kattoliċi tagħha. B'dan ma sar xejn ġdid. Ġie biss konfermat, kif kellu jiġi konfermat f'kostituzzjoni li hi d-dokument l-aktar importanti ta' l-era l-ġdida, dak sar fl-imgħoddi. Kif il-Gvern Ingliż meta ħa taħt il-protezzjoni tiegħu lill-Gżejjer Maltin, ġie mitlub biex iħares u jipproteġi r-Reliġjon Kattolika tal-Maltin, hekk issa f'dan il-mument storiku ġiet mill-ġdid garantita l-liberta' tal-Knisja.

Mhix kwistjoni, kif iridu ipinġuha x'uħud b'mentalita' liberali, ta' ħarsien ta' xi privileġġi antikwati tal-kleru. Hi kwistjoni ta' garanzija tal-ħajja ta' l-istess Reliġjon, wirt għażiż u prezzjuż ta' missirijietna li għexu fis-sekli l-imgħoddija.

Għal dawn ir-raġunijiet kien ukoll dmir tal-Leħen is-Sewwa li jirreġistra l-ġrajja ta' l-Indipendenza permezz ta' numru speċjali. M'aħniex b'dan nindaħlu fi kwistjonijiet politiċi, m'aħniex ngħidu li din jew dik il-forma ta' Indipendenza hi l-aħjar. Qegħdin biss nikkommemoraw fatt storiku importanti, li bid-difetti jew bla difetti ser jirreġistra fl-Istorja ta' Malta għeluq ta' epoka kostituzzjonali u jiftaħ era ġdida.

Dan in-numru speċjali tagħna nixtiquh li jkun l-awgurju sinċier għal *Malta aħjar*. Kemm fil-ħajja reliġjuża, kemm ukoll fil-ħajja ekonomika.

Malta trid u tistenna żmenijiet ġodda. Żmenijiet ta' paċi u mħabba. Żmenijiet ta' xogħol u progress.

Bit-talba ta' l-Innu Malti f'qalbna u fuq fommna, ħalli nitolbu l-Barka t'Alla fuqna lkoll.

U nispiċċaw billi ningħaqdu ma' l-appell li ħarġet il-Ġunta Djoċesana biex nieħdu sehem fil-funzjonijiet reliġjużi.

Nhar it-Tnejn li ġejjin, fil-11 a.m. jgħid l-appell, ninġabru bi ħġarna fix-Xagħra tal-Furjana sabiex nieħdu sehem attiv fil-Quddiesa djalogata li sejjer iqaddes l-E.T. Mons. Arċisqof. Waqt din l-istess quddiesa, inkantaw bil-ħeġġa kollha tagħna l-Kredu bħala professjoni l-iktar solenni tal-Fidi tagħna quddiem id-dinja kollha, rappreżentata fl-istess post minn persuni prominenti ta' kull pajjiż u ta' kull kontinent. F'dak il-mument memorabbli nuru lil kulħadd li lill-għażiża Malta tagħna, issa Indipendenti, irriduha tibqa' mibnija, kif reġa' wissiena dan l-aħħar il-Missier tagħna l-Papa, fuq il-pedament l-iktar sod tat-twemmin u tat-tagħlim tal-Knisja Kattolika.

Bil-kant tat-Te Deum, akkompanjat bid-daqq tal-qniepen tal-knejjes kollha ta' Malta, nirringrazzjaw 'l Alla li għogbu jisma' t-talb imħeġġeġ tagħna sabiex fil-ħajja ġdida tagħna, Malta jkollha Kostituzzjoni li tħares it-tradizzjonijiet Kattoliċi tal-Gżejjer tagħna.



Borg Olivier, Giorgio (1911) it-tmien u l-għaxar Prim Ministru ta' Malta, twieled fil-Belt Valletta fil-15 ta' Lulju, 1911, studja f'Malta, lawrjat avukat mill-Università Rjali ta' Malta fl-1937 u f'Jannar, 1938, ħa l-"warrant" ta' nutar. Mill-1939 sa l-1945 huwa kien wieħed mill-membri Nazzjonalisti eletti fil-Kunsill tal-Gvern u fl-1947 ġie maħtur fl-Assemblea Leġislattiva u magħżul "Deputy Leader" ta' l-Oppożizzjoni. Fl-1950 reġa' ġie maħtur Membru tal-Parlament fejn kien Ministru tax-Xogħol u Rikostruzzjoni u fl-istess ħin Ministru ta' l-Edukazzjoni fil-Gvern Nazzjonalista ta' Minoranza mmexxi mill-Avukat Enrico Mizzi.

Wara l-mewt ta' l-Avukat Enrico Mizzi f'Diċembru, 1950, Dr. Borg Olivier ġie nominat it-tmien Prim Ministru. Fl-1951 huwa fforma Gvern ta' koalizzjoni mal-"Malta Workers Party". Fl-1953 għamel Gvern ta' koalizzjoni mal-"Malta Workers Party" sakemm waqa' fl-1955. Mill-1955 sa l-1958 kien il-Leader ta' l-Oppożizzjoni.

Fl-Elezzjoni Ġenerali ta' l-1962, il-Partit Nazzjonalista kiseb maġġuranza u l-Leader Borg Olivier laħaq il-għaxar Prim Ministru ta' Malta. Fl-1962, Dr. Borg Olivier attenda f'Londra l-konferenza tal-Primi Ministri tal-Commonwealth dwar id-dħul ta' l-Ingilterra fis-Suq Komuni. Din kienet l-ewwel darba li Malta ġiet rappreżentata f'dawn il-konferenzi.

Bejn l-1963 - 1964 saru bosta diskussjonijiet u dibattimenti bejn Dr. Borg Olivier u l-Gvern Ingliż u Malta rnexxielha tikseb l-Indipendenza fil-Commonwealth u għajnuna temporanja għal għaxar snin.

**MARSOVIN LIMITED jixtiequ prosperita'**

**lill-Poplu Malti u lil Malta Indipendenti**



Sir Maurice Dorman, hu l-ewwel Governor General ta' Malta Indipendenti. Sir Maurice ha din il-kariga fuq talba tal-Prim Ministru Malti.



L-E. T. Mons. Arċisqof Michael Gonzi hu l-ewwel Arċisqof ta' Malta Indipendenti u thabat biex jara li fil-Kostituzzjoni jkunu mharsa d-drittijiet tal-Knisja.


# B I C A L

**JIXTIEQU PROSPERITA'**
**LILL-POPLU MALTI**
**FL-OKKAŻJONI TA' L-GHOTI TA'**
**L-INDIPENDENZA**

*GHAS-SERVIZZ TAGHKOM*
*GHAL KULL XORTA TA' TRANSAZZJONI BANKARJA F'MALTA*

*BANK OF INDUSTRY COMMERCE & AGRICULTURE LTD.*

*Commercial House, 86, South Street, Valletta.*

*Telex No. ML 217* *Tel. No. 27832*

**Rappreżentanti:**

LONDON — HAMBROS BANK LIMITED,
41, Bishopsgate, London E.C. 2
ROME — BANCO DI ROMA
NEW YORK — LAIDLAW & CO.,
25, Broad Street, N.Y. 4
MELBOURNE — COMMONWEALTH TRADING BANK OF AUSTRALIA



**EDWARD'S**

*Quality Footwear*

You will not fail to look smart and comfortable in an exclusive style of

**SULTANISSIMA**

creation decolte' shoes or sandal 1964 models.

*Large assortment to satisfy every-body's taste.*

AVAILABLE AT

**EDWARD'S**

*14, South Street, Valletta.*

Dial 26715



## TELEFUNKEN

TELEVISION SETS

Do you thrill to magic hours watching good television? Do you really appreciate a picture sharp as an engraving? Then you deserve **TELEFUNKEN.** Television Sets by **TELEFUNKEN** pamper you with automatic features and special, simplified tuning that brings programmes to brilliant life on your screen. Your family and friends will be enthralled by the matchless quality of picture and sound alike. The world famous **TELEFUNKEN** trade-mark embraces Transistor Radios, Table Radios, Consoles, Television Sets, Tape Recorders Magnetophone, and Phonographs.

TELE FUN KEN

**TELEFUNKEN Agency:**

**L. MIFSUD**

**330, Prince of Wales Road, Sliema**
**29A/D, St. Trophimus Street, Sliema**
**Dial 30130**

# IL-PRIM MINISTRI TA' MA






I. Howard, Onor. Joseph (1862 - 1925), l-ewwel Kap tal-Ministeru fil-Gvern Awtonomu Malti (1921 - 1923). Fl-1912, ġie elett deputat tal-poplu u membru fil-Kunsill Esekuttiv tal-Gvern; nominat konslu tal-Ġappun (1914 - 1925), kommendatur tar-Rising Sun tal-Ġappun u tas-Sacred Treasury ta' l-istess Nazzjon; kavalier ta' l-Ordni "Nutham Iftikhar" mill-Bej ta' Tuneż; uffiċjal ta' l-Akkademja ta' Franza, senatur fis-Senat ta' Malta u onorat bit-titolu ta' "Onorevoli" għal għomru; mogħti l-O.B.E. mir-Re ta' l-Ingilterra; President tal-Kumitat ta' l-Emigrazzjoni, tal-Kumitat tad-Direzzjoni tal-Konservatorju "Vincenzo Bugeja" u tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette. Miet għal għarrieda fl-20 ta' Mejju, 1925.

II. Buhagiar, Onor. Francesco (1877 - 1934), it-tieni Kap tal-Ministeru fil-Gvern Awtonomu Malti (1923 - 1924); twieled il-Qrendi, lawrjat fil-Ġurisprudenza mill-Università Rjali ta' Malta fl-1901, membru tal-Partit Politiku ta' Panzavecchia, maħtur deputat fl-ewwel u fit-tieni Leġislatura; nominat Ministru tal-Ġustizzja, Prim Ministru u wara li rriżenja sar Imħallef. Kien rispettat mill-istess avversarji politiċi tiegħu. Dan nafuh minn kommemcrazzjoni f'ġieħu li kien għamillu l-Professur Avukat Dr. Augusto Bartolo fl-Awla tal-Qorti fl-okkażjoni tal-mewt tiegħu. Miet ir-Rabat ta' Malta fis-27 ta' Ġunju, 1934. Midfun fl-"Addolorata."

III. & V. Mifsud, Sir Ugo (1889 - 1942), it-tielet u l-ħames Kap tal-Ministeru ta' Malta Awtonoma (1924 - 1927 u 1932 - 1933), bin l-Imħallef Gio Batta, twieled il-Belt Valletta, lawrjat avukat mill-Università Rjali ta' Malta u fl-1922 iżżewweġ lil Miss Malvina Beatrix bint il-Kurunell J.A. Francia. Fl-1919 interessa ruħu fil-politika u ġie maħtur segretarju ta' l-Assemblea Nazzjonali. Approvata l-Kostituzzjoni tas-"Self Government" daħal membru fl-"Unione Politica Maltese" taħt Mons. Panzavecchia; elett membru fl-Assemblea Leġislativa fil-Partit Panzavecchia u ċie maħtur Ministru ta' l-Industrija u l-Kummerċ. Fl-1924 raġa' ġie elett; waqgħet l-"Unione Politica Maltese" u l-Prim Ministru Francesco Buhagiar ġie nrominat Imħallef. Sir Ugo għamel koalizzjoni mal-Partit Nazzjonalista ta' Dr. E. Mizzi u sar Kap tal-Ministeru u Ministru tat-Teżor. Fl-1927, ġie elett għat-tielet darba membru ta' l-Assemblea Leġislattiva u fis-Senat fil-Partit Nazzjonalista u sar Kap ta' l-Oppożizzjoni. F'din is-sena ġie onorat bl-Insigna ta' Knight Bachellor (Kt). Fl-1931 Sir Ugo sar Prim Ministru sakemm ġiet sospiża l-Kostituzjoni (1933). Fl-1939, lejlet it-tieni Gwerra Mondjali, Sir Ugo kien maħtur rappreżentant tal-Partit Nazzjonalista fil-Kunsill tal-Gvern. Membru fl-"International Law Association", attenda fil-Kungress ta' Oxford u fl-1934 ppresjieda konferenza fil-"Law Congress" f'Budapest. Għal bosta snin President tas-"Società Filarmonica Nazionale La Valette." Miet jiddefendi u jikkumbatti f'laqgħa tal-Kunsill. Miet fil-11 ta' Frar, 1942.

IV. Strickland, Lord Gerald (1861 - 1941), ir-raba' Kap tal-Ministeru ta' Malta (1927 - 1932). Twieled f'Malta. Ħadem fis-Servizz Ċivili ta' l-Imperu taħt il-Prim Ministru Mr. Joseph Chamberlain u temm il-karriera tiegħu bħala Gvernatur Kolonjali fl-Awstralja.

Għal tul ta' ħamsin sena ħadem b'enerġija ta' l-għaġeb fil-qasam tal-politika. Segretarju tal-Gvern Kolonjali f'Malta u wettaq ħafna riformi fil-qasam ta' l-edukazzjon; ħadem ħafna għall-għoti tas-"Self Government" lil Malta; membru konservattiv fil-"House of Lords" u Kap tal-Ministeru ta' Malta fil-Gvern ta' koalizzjoni magħmul mill-Partit Kostituzzjonali mwaqqaf u mmexxi minnu u dak tal-"Malta Labour Party" b'kap Dr. Paul Boffa.

Miet fit-22 ta' Awissu, 1940, fil-Villa Bologna, H'Attard u midfun fil-qabar tal-familja Strickland Bologna fil-Kappella ta' San Gejtanu fil-Kattidral. Monument imwaqqaf minn qrabatu uffiċjalment jinsab fil-Barrakka ta' Fuq.

(*Nota tad-Direzzjoni*: Nirringrazzjaw lis-Sur Robert Mifsud Bonnici, Awtur tad-Dizzjunarju Bijo-Bibliografiku Nazzjonali għall-kollaborazzjoni tiegħu fil-ġabra ta' dawn in-noti qsar fuq il-Primi Ministri ta' Malta).

L-Awstralja, l-art fejn l-akbar fost il-komunitajiet Maltin li jinsabu msefrin sabu dar ġdida, tifraħ lil Malta fl-okkażjoni ta' l-Indipendenza tagħha.

Ma' pajjiżna kollu, l-Awstraljani jaqsmu l-ferħ tagħhom għall-pożizzjoni ġdida ta' Malta fil-Commonwealth.

Il-pajjiżi tagħna huma magħqudin minn rabtiet qawwija mibnija mill-għexieren ta' eluf ta' Maltin li qed joqogħdu fl-Awstralja.

L-Awstralja tittama li mas-snin ġejjiena aktar Maltin jiġu biex ikomplu jgħinuna biex inwettqu x-xogħol tal-bini ta' nazzjon ġdid u kbir f'din in-naħa tad-dinja.



(Hubert Opperman)

Ministru ta' l-Immigrazzjoni.

Rizultat tad-dar fil-Lotterija ta'

SINGER



Mrs. ZINA CASSAR, 23, ST. MARY STREET, LUQA.

Biljett Nru. 0368

D.P.L. 20/64

# LTA MILL-1921 SA L-1958



VI. Boffa, Sir Paul (1890 - 1962), is-sitt Prim Ministru ta' Malta, twieled il-Birgu, lawrjat fil-Mediċina mill-Università Rjali ta' Malta, membru Laburist fil-Parlament Malti, 1921 - 1935, matul il-gwerra 1939 - 1945 membru tal-Kunsill Esekuttiv, onorat bid-"Defence Medal" u O.B.E. fl-1941; Prim Ministru ta' Malta, 1947 - 1950 u Ministru tas-Saħħa 1950 - 1955. Maħtur Kavalier ta' San Ċwann fl-1950 u mogħti l-"Coronation Medal" fl-1937 u fl-1953. Fl-1947 irrappreżenta lil Malta fit-Tieġ Irjali tal-Prinċipessa Eliżabetta. Fl-1948 tbiddel t-titlu "Head of the Ministry" f'dak ta' Prim Ministru. Fl-1949 saret firda fil-"Malta Labour Party," iżda bl-approvazzjoni tal-maġġuranza tal-"Labour Party Parliamentary Group" baqa' Prim Ministru sa l-1950 meta l-Assemblea ġiet maħlula. Fl-istess sena waqqaf il-Partit ġdid "Malta Workers Party" u kien fil-Gvern tal-koalizzjoni mal-Partit Nazzjonalista sa l-1955. Irriżenja mill-politika fit-13 ta' Jannar, 1955. Fl-ewwel ta' Jannar 1956 ġie onorat mir-Reġina Eliżabetta II bit-titlu ta' "Knight Bachelor" (Kt). Miet fis-6 ta' Lulju, 1962.



VII. Mizzi, Onor. Enrico (1885 - 1950), is-seba' Prim Ministru ta' Malta, 1950; twieled il-Belt Valletta; miżżewweġ lill-pjanista magħrufa Bice Vassallo, missier ta' iben wieħed Rev. Don Fortunato; studja letteratura u xjenza legali fl-Università Rjali ta' Malta u dik ta' Ruma u Urbino. Fl-1912 beda jservi ta' avukat fil-Qrati ta' Malta iżda x-xeħta naturali tiegħu kienet għall-politika. Kien ukoll ġurnalista u mexxa għal ħafna snin il-ġurnal "Malta" bit-Taljan; ħabrek bis-sħieħ għall-ksib tal-Kostituzzjoni għal Malta.

Baqa' jaħdm fil-politika ħajtu kollha u mill-ewwel Leġislatura sakemm miet, baqa' dejjem jiġi elett bħala rappreżentant ta' Għawdex.

Fit-30 ta' Mejju, 1940, Dr. Mizzi ġie internat fil-fortizza tas-Salvatur u f'Marzu, 1942 ittufnat fl-Uganda ma' għadd ta' Maltin oħrajn. Wara l-gwerra d-deportati nġiebu lura f'Malta u Dr. Mizzi tħalla jokkupa s-siġġu tiegħu fil-Kunsill tal-Gvern. Fl-1947 reġgħet intraddet lil Malta l-Kostituzzjoni. Dr. Mizzi baqa' jaħdem fil-Parlament u fl-1950 ġie maħtur Prim Ministru. Miet fl-20 ta' Diċembru, 1950.



IX. Mintoff, Dom. (1916), id-disa' Prim Ministru ta' Malta, 1955 - 1958; twieled Bormla fis-6 ta' Awissu, 1916, studja fl-iskola Primarja tal-Gvern, fis-Seminarju Arċiveskovili, Liceo, Università Rjali ta' Malta u kien "Rhodes Scholar" fl-Università ta' Oxford. Kien segretarju ġenerali tal-"Malta Labour Party", 1936 - 1937. Fl-1943 sar "Civil Engineer" f'Oxford; ġie lura f'Malta u beda jaħdem ta' perit. Fl-1944 reġa' ħa l-kariga ta' segretarju ġenerali tal-"Malta Labour Party". Fl-1945 elett Membru fil-Kunsill tal-Gvern. Fl-1947, elett fl-Assemblea Leġislattiva, maħtur Ministru tax-Xogħol u Rikostruzzjoni, "Deputy Leader" tal-"Malta Labour Party" u Deputat Prim Ministru. Fl-1949 irriżenja mill-Ministeru wara tilwim mal-Prim Ministru Dr. Paul Boffa u ġie maħtur "Leader" tal-Partit Laburista mill-Konferenza Ġenerali; mexxej ta' l-Oppożizzjoni fil-Gvernijiet bejn l-1950 - 1955; Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi mill-1955 - 1958. Sar Kap ta' l-Oppożizzjoni fil-Parlament fi Frar 1962.



**L-ONOR. PAOLO PACE**

**Li Speaker tal-Parlament Malti li fit-22 ta' Settembru jieħu l-post tiegħu bħala l-ewwel Speaker tal-Parlament ta' Malta Indipendenti. L-Onor. Paolo Pace ġie maħtur Speaker tal-Kamra fl-1962.**

## IL-QUDDIESA TA' L-INDIPENDENZA

Wara laqgħa li saret bejn rappreżentanti tal-Kummissjoni Liturġika għall-Provinċja Ekklesjastika ta' Malta u Għawdex u l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Arċisqof, mgħejjun minn Mons. A. Bonnici, il-Liaison Officer tal-Knisja għall-festi ta' l-Indipendenza, il-Kummissjoni għandha l-pjaċir tħabbar li fil-Quddiesa li ser issir fl-arena ta' l-Indipendenza nhar it-Tnejn 21 ta' Settembru ser jinqraw għall-ewwel darba minn Mons. Arċisqof l-Epistola u l-Vanġelu bil-Malti. Il-Quddiesa ser tkun organizzata mill-Kummissjoni Liturġika u membru tal-Kummissjoni ser ikun inkarigat biex imexxi l-poplu ħalli jieħu sehem attiv fil-Quddiesa li ser issir djalogata. Sejjer ukoll jitkanta l-"Credo" fil-Quddiesa biex il-poplu Malti pubblikament jipprofessa l-fidi tiegħu quddiem id-dinja. Il-Kummissjoni Liturġika tħeġġeġ lill-poplu kollu jieħu sehem attiv f'din il-Quddiesa billi b'vuċi waħda jirrispondi lil Mons. Arċisqof waqt il-Quddiesa.

### "THIS IS MALTA"

Nhar is-Sibt li ġej minn fuq ir-Rediffusion George Dougall, li jxandar kuljum minn Londra l-programm "Din Hija Londra," ser jippreżenta programm "This is Malta" fuq l-A Network. L-istess programm jinstema' fuq il-B Network fis-6.00 p.m. Dan hu programm speċjali fl-okkażjoni ta' l-Indipendenza.


### AVVIŻI KLASSIFIKATI

**Complete Typewriting or Shorthand Courses for £6. Mosta Commercial School, "Arvi", Constitution Street. Dial 28513.**

**XOGĦOL GĦALL-EMIGRANTI**

**Fl-Ingilterra jeżistu offerti ta' xogħol għal Infermieri, Parrukkiera, Skrapan, Parrukkiera nisa, Sefturi u Labourers li għandhom 'il fuq minn 21 sena. Emigranti li jinteressaw ruħhom, imorru għand CASSAR & COOPER, 12 South Street, il-Belt.**


### IN MEMORIAM

B'tifkira għażiża ta' **Publio Mangion** li miet fl-20 ta' Settembru, 1952. Qatt minsi minn uliedu. — R.I.P.

B'tifkira għażiża mill-mewt ta' **James Brincat** ex-Formen of Stores S.N.S.O. miż-Żejtun li miet fl-20 ta' Settembru, 1960. Qatt minsi minn martu Stella u minn uliedu. Mulej, agħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

B'tifkira għażiża ta' **Marija Assunta Borg**, mill-Belt, li mietet fit-18 ta' Settembru, 1946. — R.I.P.



Chev. J. P. Vassallo, id-Direttur ta' l-Edukazzjoni ser jieħu sehem kbir fiċ-ċelebrazzjonijiet permezz tar-Rally tat-tfal li għandu jsir nhar l-Erbgħa. Chev. Vassallo tana kontribuzzjoni dwar l-Innu Malti fil-Paġna Letterarja ta' din il-ħarġa.

### IT-TMINTAX-IL ĦADD FUQ GĦID IL-ĦAMSIN

**EPISTOLA**

Qari mill-ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin
(I Kor. 1, 4-8)

**Ħuti: Nizżi ħajr lil Alla dejjem għalikom għall-grazzja ta' Alla li kienet mogħtija lilkom fi Kristu Ġesù, għax fih stagħnejtu f'kull għatja ta' kliem u ta' għerf, daqskemm hi kbira l-qawwa tax-xhieda ta' Kristu fikom. Hekk ma jkun jonqoskom l-ebda għatja tal-grazzja, intom li tistennew id-deħra ta' Sidna Ġesù Kristu, li jwettaqkom għall-aħħar, biex tkunu bla ħtija fil-jum ta' Sidna Ġesù Kristu.**

**VANĠELU**

Ikompli l-Evanġelju mqaddes skond San Mattew
(Mat. 9, 1-8)

**F'dak iż-żmien: tela' Ġesù fuq id-dgħajsa, għadda għan-naħa l-oħra u ġie f'beltu. U, ara, xi rġiel kienu jitħabtu biex iressqulu wieħed mifluġ, mixħut fuq friex. Malli ra Ġesù t-twemmin tagħhom, qal lill-mifluġ: "Qawwi qalbek, ibni; dnubietek maħfura." U xi wħud mill-kittieba qabdu jgħidu fihom infushom: "Dan qiegħed jidgħi!" Imma Ġesù billi għaraf il-ħsibijiet tagħhom, qallhom: "Għaliex taħsbu ħażin ġo qalbkom? X'inhu eħfef tgħid: 'Dnubietek maħfura,' jew tgħid: 'Qum u imxi'?" Mela biex tkunu tafu li Bin il-bniedem għandu s-setgħa fuq l-art jaħfer id-dnubiet, qal lill-mifluġ: "Qum, erfa' friexek u mur id-dar." U qam u mar f'daru. Malli raw dan il-ġmiegħi, beżgħu u faħħru lil Alla li ta lill-bnedmin setgħa bħal din.**

**OMELIJA**

Il-maħfra tad-dnubiet.


**Hangers**



SUPER ONE COAT ENAMEL

**For Inside and Outside Use**
**Can Be Used On Boats**
**Resists Sea Air and Salt Water**

Made by the "LADY" Brand Paint People

**Agent:**

GIUSEPPE MUSCAT

**126, Archbishop Street, Valletta.**
**Telephone: 24645**



THE MALTA BOTTLING COMPANY LIMITED

AUTHORISED BOTTLERS OF

**PEPSI-COLA**

WISH

INDEPENDENT MALTA

SUCCESS - SECURITY

AND

CONTINUED PROSPERITY

**PEPSI-COLA COMPANY OF NEW YORK**

**Join in the above**

**GOOD WISHES**

# L-EWWEL MINISTRI TAL-GVERN TA' MALTA INDIPENDENTI

Onor. Felice — Ministru ta' l-Industrija u Turiżmu
Onor. Paris — Ministru ta' l-Edukazzjoni
Onor. Caruana — Ministru ta' l-Agrikoltura
Onor. Caruana Demajo — Ministru tal-Ġustizzja
Onor. Cachia Zammit — Ministru ta' l-Emigrazzjoni
Onor. Spiteri — Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi
Onor. Borg Olivier — Ministru tas-Saħħa









## Minn Imperu għall-Commonwealth

(jissokta mill-paġ. 6)

darba l-Ingilterra ma setgħetx tidħol fil-gwerra hi u tkaxkar magħha lid-Dominji. Iżda fil-fatt l-Eire biss (li dak iż-żmien kienet għadha Dominju) għażel li jibqa' newtrali: u dan hu xhieda ċara tal-flessibilta', u għalhekk tas-saħħa tal-Commonwealth. L-Indja kienet għadha mhix indipendenti. Il-Congress Party ma riedx jidħol fil-gwerra. Fl-1942 l-Ingilterra wegħdet li tagħti l-indipendenza lil dan is-sotto-kontinent wara li tispiċċa l-gwerra. Il-kolonji tal-Mediterran taw il-kontribut tagħhom — u Malta ġiet mogħtija l-George Cross bħala rikonoxximent tal-qlubija li wrew niesna f'dawk iż-żmienijiet koroh. Il-kolonji Afrikani wkoll għenu lill-Ingilterra.

Għaliex fl-Afrika l-Ingilterra kellha ħafna kolonji. Dawn fil-biċċa l-kbira kisbithom fl-aħħar snin tas-seklu li għadda meta n-nazzjonijiet Ewropej għaġġlu biex jaħtfu kemm jistgħu mill-Kontinent l-Iswed: Tanganyika, Gold Coast, Kenya, Uganda, Nigeria, Rhodesia, eċċ., dawn kienu kollha kolonji Ingliżi fl-Afrika.

Wara t-tmien il-gwerra l-gvern Ingliż żamm kelmtu ma' l-Indja u ħabbar li kellu jagħti l-indipendenza lil dan is-sotto-kontinent. F'Awissu, 1947, l-Indja u l-Pakistan saru indipendenti. Setgħu, jekk riedu, jitilqu mill-Commonwealth; u kien maħsub li l-Indja kienet beħsiebha titlaq. Iżda baqgħet għalkemm talbet li tibqa' bħala repubblika. Din kienet ħaġa ġdida għaliex id-Dominji kollha kienu jagħarfu lir-Re Ingliż bħala l-kap ta' l-Istat. It-talba ta' l-Indja ġiet milqugħa wkoll.

Għaxar snin wara, il-Gold Coast fetħet it-triq ta' l-indipendenza fl-Afrika. Fl-1957 saret Ghana — l-ewwel stat Afrikan indipendenti fil-Commonwealth. Ghana wkoll, fl-1960, għażel li bħall-Indja u l-Pakistan isir repubblika.

F'dawn l-aħħar tmien snin mhux anqas minn tletin ex-kolonja Ewropea fl-Afrika saru indipendenti. Biss biss bejn Ottubru 1960 u Diċembru 1963 (ftit aktar minn tliet snin inħolqu l-Istati Indipendenti tan-Niġerja, Sierra Leone, Tanganyika, Uganda, Zanzibar u Kenya (li għadha kemm ħabbret li f'Novembru li ġej ser issir repubblika). Dawn l-istati kollha baqgħu membri tal-Commonwealth.

U issa Malta beħsiebha tieħu postha f'dan il-club internazzjonali.

Hemm min jistaqsi: x'tiswa l-Commonwealth meta l-membri tagħha ma jistgħux ikunu differenti u mxerrdin aktar milli huma; meta kull membru jista' fin-Nazzjonijiet Magħquda jivvota kif irid u kif jaqbillu; u meta l-membri tagħha — speċjalment l-Istati Afrikani — jinterpretaw id-demokrazija kif jidhrilhom?

Il-Commonwealth għadha teżisti għaliex il-pajjiżi msemmijin fiha kollha jaqblu li għandha tibqa' teżisti. Il-mexxejja ta' dawn il-pajjiżi jiltaqgħu spiss biex jiddiskutu problemi ta' interess għall-maġġoranza tal-membri u mhux biex jiffurmaw politika waħda. Mill-aħħar gwerra 'l hawn il-Prim Ministri tal-Commonwealth iltaqgħu tnax-il darba. Iltaqgħu ukoll il-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin; il-Ministri tal-Finanzi. Hemm il-*Commonwealth Economic Consultative Council* li jistudja l-problemi tal-kummerċ fil-Commonwealth. Permezz tal-*Commonwealth Agricultural Bureaux* il-membri jżommu rwieħhom infurmati dwar progress tekniku fil-biedja. Ix-xjenzati jżommu rwieħhom f'kuntatt ma' sħabhom F'Mont real twaqqaf il-*Commonwealth Telephone Service* u diġà nbeda x-xogħol fit-tqegħid ta' cable tat-telefon twil 8,000 mil tal-baħar li għad jgħaqqad il-Kanada ma' l-Awstralja u man-New Zealand. Meta dan il-proġett ikun lest, (hu maħsub li jkun sewa £88 miljun) in-nazzjonijiet kollha tal-Commonwealth ikunu magħqudin flimkien permezz tas-servizz tat-telefon.

L-Ingilterra tgħin lill-pajjiżi tal-Commonwealth li għadhom m'humiex żviluppati biżżejjed bil-flus u bl-għajnuna teknika. Tibagħtilhom esperti u teachers; toffri faċilitajiet fl-universitajiet tagħha jew tħarriġhom fl-industriji tagħha. Is-sena l-oħra kien hemm madwar 42,000 student mill-Commonwealth fl-Ingilterra. Il-*Colonial Development and Welfare Fund* jipprovdi flus għall-edukazzjoni, bini ta' toroq, biedja u servizzi soċjali u mediċi fil-pajjiżi sotto-żviluppati. Il-flus meħtieġa għall-bini ta' l-ewwel fażi ta' l-Università' l-ġdida tagħna ġew minn dan il-fond.

Malta għandha ħafna x'tirbaħ u ftit x'titlef mis-sħubija tagħha fil-Commonwealth!


DRINK & WIN
WITH FARSONS PRODUCTS

1st. PRIZE £1000
2nd. PRIZE 300
3rd. PRIZE 200
4th. PRIZE 100



COLLECT 12 USED CROWN CORKS AND EXCHANGE THEM FOR A TICKET AT YOUR RETAILER

ALL THE BEST FROM FARSONS

# GZIRA ZGHIRA STORJA KBIRA




L-Istemma l-ġdida ta' Malta Indipendenti.



## 3000 Q.K.



It-tempji megalitiċi ta' Malta, bħal dawn li hemm f'Ħal Tarxien huma l-ewwel era ta' l-istorja ta' pajjiżna madwar 3,000 sena ilu. Juru li l-poplu Malti kellu minn dejjem sens ta' kultura qawwija reliġjuża, politika u ċivili. Din l-era tibqa' sejra sa żmien il-Puniċi madwar 800 sena qabel Kristu.

## 800 Q.K.



Dan hu l-paviment tal-Villa Rumana r-Rabat. Ir-Rumani ħadu l-gżira taħt il-protezzjoni tagħhom fis-sena 218 qabel Kristu meta keċċew lill-Kartaġiniżi fil-gwerer Puniċi. Malta kienet miżmuma bħala pajjiż "ħabib" ta' Ruma.

## 400 A.D.



L-Għarab ħadu Malta meta waqa' l-Imperu Ruman fis-seba' seklu. Taħt l-Għarab Malta rnexxielha żżomm ir-reliġjon tagħha u wirtet l-ilsien tagħha l-Malti. Ir-ritratt juri Għajn Klieb, il-post tradizzjonali fejn wara l-miġja tal-Konti Ruġġieru l-Maltin ħebbew għall-Għarab.

## 1090 A.D.



Din it-tieqa Normanna hija taż-żminijiet meta Malta għaddiet minn żmien ta' okkupazzjoni taħt diversi sidien. In-Normanni okkupaw Malta fl-1090 u wara l-Anġevini, l-Aragoniżi u l-Ispanjoli okkupaw il-gżira. Fl-1427 il-Maltin xtraw lil pajjiżhom għal 30,000 fjorin biex jeħilsu minn Don Gonsalvo Monroy.

## 1530 A.D.



Fl-1530 Malta ġiet inħollija f'idejn il-Kavallieri ta' Malta mill-Imperatur Karlu V u l-ħakma tal-Kavallieri kienet waħda mill-aktar felići għall-istorja u għall-kultura ta' pajjiżna. Fl-1565 it-Torok għamlu assedju l-aktar qawwi tal-gżira u kien biss bil-kuraġġ tal-Maltin li wara tliet xhur għamlu rebħa kbira fuq l-għedewwa.

## 1565 A.D.



Il-Kavalieri bnew il-Belt Valletta u għamluha l-kapitali ta' Malta. Żejnuha b'rikkezzi kbar u dawruha bi swar qawwija. Dan hu l-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, forsi l-aqwa opra li ħallew il-Kavalieri fil-gżira tagħna. Ir-rikkezzi ta' San Ġwann huma l-għaxqa ta' kull min iżur lil pajjiżna.

## 1798 A.D.



Fl-1798 Napuljun, f'ras flotta qawwija ta' Franċiżi ħa f'idejh Malta mill-Kavalieri mingħajr ebda reżistenza. Fi tlett ijiem li dam Malta hu kien joqgħod fejn illum tinsab il-Posta. Il-Franċiżi li ma rrispettawx it-tradizzjonijiet reliġjużi tal-poplu sabu reżistenza qawwija u sentejn wara ġew imkeċċijin minn Malta.

## 1800 A.D.



L-Ingilterra ħadet lil Malta f'idejha wara li l-Maltin talbu l-protezzjoni tar-Re ta' l-Ingilterra fl-1813. Minn dak iż-żmien madankollu l-Maltin riedu li jiggvernaw l-affarijiet interni tagħhom u l-istorja tal-ħakma Ingliża f'pajjiżna għandha mumenti li fihom il-ġlieda għall-awtonomija kienet qawwija.

## 1945 A.D.



Il-monument tal-Gwerra l-Kbira hu tifkira ta' kemm il-Maltin iġġieldu flimkien mal-bqija tal-Punent għall-ħelsien ta' l-Ewropa. Fis-17 ta' April, 1942, ir-Re Ġorġ VI ta lil Malta l-George Cross bħala turija ta' l-eroiżmu tal-poplu Malti. Il-Gvern Ingliż ta l-Indipendenza lil Malta nhar il-21 ta' Settembru, 1964.

# LETTERATURA MALTIJA

## VIVA MALTA ĦIELSA

Għal bosta sekli, Malta kienet maħkuma mill-barranin. Uħud ippruvaw jisirqulna l-fidi, oħrajn serqulna ġidna, xi whud riduna skjavi u nistgħu ngħidu li dawk li ħakmuna ftit li xejn taw każ il-poplu Malti, ħlief meta kellhom bżonna. Għalkemm dawk li ħakmu l-Gżejjer tagħna kollha ppruvaw ideffsu denbhom f'affarijiet li mhux tagħhom, b'danakollu ħadd minnhom ma pprova jisirqilna dak li dejjem għaqqadna flimkien — ħadd minnhom ma kellu saħħa biżżejjed li jxejjen l-ILSIEN MALTI.

F'din il-ġurnata hekk għażiża għalina l-Maltin, f'dan il-jum hekk kbir għall-istorja ta' Art Twelidna, ma nistgħux ma nifirħux ilkoll u nif akru f'dak, jew aħjar dawk iż-żewġ fatturi hekk importanti li għamluna Nazzjon — ILSIEN u BANDIERA. Jekk tneħħi waħda minn dawn it-tnejn, tkun qed tneħħi n-nazzjon u li kieku aħna l-Maltin ma konniex Nazzjon, kieku żgur li qatt ma konna niġu magħrufa u meħlusa fost il-Ġnus l-oħra li jippretendu d-demokrazija tal-bniedem.

X'kien ikun il-poplu Malti kieku f'siegħa importanti bħal din, ma kellux Ilsien, ma kellux l-Innu Nazzjonali tiegħu, ma kellux il-Bandiera li għal dawn it-tlieta flimkien il-Gżejjer tagħna tqabdu u rebħu, li għal dawn it-tlieta flimkien bosta ġarrbu l-ħal-el u l-burraxki mingħand dawk li riedu jifirduna.

Il-ħelsien ta' Malta għandu jkun ukoll il-ħelsien ta' Lsienna.



Għal bosta żmien l-Ilsien tagħna kien imkasbar u proprju sa ftit ġimgħat ilu, inħolqu elementi li minn għalihom riedu jkaxkru dak li hu tagħna. Malta issa kisbet il-ħelsien hekk mistħoqq u nittamaw li dan il-ħelsien ma jkunx xi sarima minn uħud li dejjem xtaqu joħonqu l-Malti.

Waqt li minn qalbna nifirħu lill-Gvern li għoġbu jeħles lil Malta għażiża mill-ħakma barranija, hekk ukoll infakkru lill-awtoritajiet kollha li Malta ma jkollhiex ħelsien jekk Ilsien il-poplu jiġi mċaħħad il-ħelsien tiegħu.

Aħna m'aħniex naħsbu (allaħares qatt jiġri hekk) li xi ħadd ser joħroġ liġi biex il-Maltin jitkellmu b'xi ilsien ieħor, iżda aħna lanqas ma naqblu ma' dawk, li għax forsi jkollhom xi setgħa żgħira, għal ftit taż-żmien, joħorġu ċirkularijiet u jagħmlu minn kollox biex kliem Malti jiġi mibdul fi kliem Taljan.

F'ġieħ il-ħelsien ta' Malta, niftħu għajnejna u nagħtu lill-Ilsien tagħna dak li jistħoqqlu. Għaliex l-Għaqdiet tal-Malti ma għandhomx ikunu magħrufin mill-Gvern? Għaliex ċerti affarijiet, f'ċerti kumitati, il-Gvern ma jitlobx l-għajnuna ta' l-Akkademja tal-Malti? Għaliex il-Kunsill ta' l-Akkademja tal-Malti, mhux dejjem jidher fil-ġurnal uffiċjali tal-Gvern?

Viva Malta ħielsa u nittamaw li dan il-ħelsien iġib ukoll il-ħelsien hekk mixtieq lejn l-Ilsien Nazzjonali tagħna. VIVA MALTA — VIVA L-ILSIEN TAGĦNA.

## L-INNU MALTI

**Nhar it-Tlieta, l-ewwel ta' Settembru, il-Kavalier Joseph P. Vassallo, O.B.E., Direttur ta' l-Edukazzjoni għamel taħdita dwar l-Innu Malti li nstemgħet minn fuq it-T.V. Aħna nħossu li f'dawn il-jiem hekk ta' għożża għall-Gżejjer tagħna, għandna nġibu xi siltiet mit-taħdita tal-Kav. J.P. Vassallo.**

Qamar ieħor biss jonfoħ u jimla u fl-għaxqa tal-lejl imdawwal ta' Settembru, Malta għażiża tagħna tieħu l-post li jixirqilha ma' ġnus oħra bħala pajjiż indipendenti. Kull pajjiż, minbarra karatteristiċi oħra, għandu żewġ ħwejjeġ li jagħżluh minn pajjiż ieħor: dawn huma l-Bandiera u l-Innu Nazzjonali li aktar minn kollox jindikaw l-unita' u l-individwalita' ta' Nazzjon.

Il-Bandiera tagħna hija antika; l-Innu huwa modern u tnissel meta l-kuxjenza nazzjonali żviluppat u ħasset il-bżonn li tibda turi ruħha u tesprimi dak li kienet tħoss fil-fond ta' qalbha.

L-Innu tagħna mhux marċa trijunfali li ġġiblek quddiem għajnejk il-mixi tqil u meqjus ta' l-eżerċti setgħana jew l-għajta ferrieħa tal-vittorja; ma jiddandanx u jċekken popli oħra; ma jiftaħarx bil-kburija ta' rebħiet u tal-ġrajja glorjuża ta' artna.

L-Innu Malti huwa talba: la aktar u la inqas. L-espressjoni profondament spiritwali u reliġjuża ta' poplu li sa mill-ewwel żmenijiet, miż-żernieq ta' l-istorja, kif jixhdu dawk il-monumenti tal-għaġeb fdal tal-qedem, dejjem ħass ruħu jinġibed biex iqim u jħobb lil Alla. Il-mużika, ta' linja melodika, sempliċi u gravi, għandha modulazzjoni u andament solenni kważi liturġiku u hi libsa l-aktar xierqa ta' xejret il-kliem.

L-Innu huwa qasir iżda fid-daqsxejn ta' sitt versi li fihom hu minsuġ, iħaddan sintesi ta' l-isbaħ sentimenti u idejat reliġjużi u patrijottiċi kif ukoll duttrina soċjali demokratika mdawla.

Kif tidher Malta quddiemna f'dan l-Innu? Taħt liema sura hija mqiegħda quddiem għajnejna? B'liema titlu ngħajtulha? Bi kliem ta' setgħa u ta'



**Mro. Sammut, il-kompożitur ta' l-Innu**

kburija, b'espressjonijiet li jriegħdu bħar-ragħad? Le, iżda l-isbaħ u l-egħżeż titlu illi wieħed jista' jagħti lil krejatura mara: it-titlu ta' Omm. L-imħabba tal-bniedem għandha ħafna suriet u xeħtiet iżda forsi l-imħabba l-aktar profonda, l-aktar pura għax lanqas egoista, l-imħabba li lesta biex tagħti mingħajr ma tistenna jew tippretendi li tieħu, l-imħabba li hi kbira bħall-baħar u bħall-baħar issaffi, hija l-imħabba ta' l-omm. L-imħabba illi tixgħel u tiddi b'aktar qawwa mhux fil-għana u fil-ħena iżda fit-tbatija u fil-bżonn. U din l-omm ma ngħajtulhiex "sabiħa" għax kull omm imsejkna, fqira u miżerabbli kemm tkun, hija sabiħa għal uliedha. Artijiet oħra jiftaħru bir-rikkezzi tagħhom u bis-sbuħija tas-sura naturali tagħhom. Malta ma timpressjonax bl-għoli tal-muntanji, bil-volum tax-xmajjar u tat-torrenti, bl-immensita' tal-foresti, iżda għandha ħlewwa ta' l-għaġeb illi b'mod misterjuż u indeskrivibbli tisraqlek qalbek bħalma tisraq il-qalb saħansitra tal-barrani li jgħammar fostna u tissokta tiġbed il-qalb ta' dawk illi ħallew ix-xtut tagħha biex isibu l-għajxien tagħhom taħt sema ieħor.



**Dun Karm, l-awtur ta' l-Innu Malti**

Fit-tieni terzina l-Innu jieħu xejra realistika u prattika — konsegwenza loġika tas-sentimenti u t-twemmin ta' l-ewwel strofa. It-twemmin f'Alla u l-imħabba lejH u lejn l-Omm ħelwa li tatna isimha ma jistax ma jnissilx l-imħabba lejn il-proxxmu. Kif aħna nafu tajjeb ma jistax ikun hemm imħabba lejn Alla jekk din ma timxix id f'id ma' l-imħabba ta' ħutna. Minbarra illi aħna aħwa għaliex ulied ta' l-istess Missier, aħna wkoll aħwa ċivilment, għaliex ulied l-istess Omm. L-ulied fil-familja ta' l-istess omm mhux dejjem għandhom l-istess setgħat u l-istess xeħtiet jew l-istess xorti fil-ħajja. Iżda l-omm għaqlija tħobb lil kulħadd xorta, lill-għani u lill-fqir, lil min hu b'saħħtu u lil min hu xipli, lil min hu għaqli u lil min ma huwiex. Il-veri aħwa tajba jgħożżu u jħobbu lil xulxin u jgħinu u jaqbżu għal xulxin fil-bżonn.

L-ewwel bżonn ta' pajjiż sabiex igħaddi 'l quddiem u jferraħ u jgħin lill-familja taċ-ċittadini hu li jkollu Gvern għaliex il-Gvern ifisser Awtorita', u l-Awtorita' ġġib l-ordni, l-ekwilibriju u l-paċi.

Kull Awtorita' kostitwita ġejja mir-rieda tal-poplu u ta' Alla. Biex dan jinkiseb, min jiggverna jew jaħkem irid ikollu d-dehen sabiex ikun jista' jagħmel liġijiet u jieħu ħsieb sabiex jitħarsu d-drittijiet ta' kull ċittadin u jinqdew il-bżonnijiet leġittmi morali, spiritwali u materjali tal-poplu. Għalhekk aħna nitolbu illi Alla jogħġbu jagħti d-dehen, il-għaqal u l-għerf lil dawk kollha illi għandhom sehem fil-gvern tal-pajjiż. Meta Salamun ġie minn Alla maħtur Sultan huwa, li kien magħruf għas-sapjenza tiegħu, hekk talab lill-Mulej:

"Sinjur, tini d-dehen u l-liġi Tiegħek."

Min jokkupa post għoli ta' responsabbilta', min igħasses lejl u nhar fuq il-ġieħ u s-sliem ta' dawk li afdati f'idejh, x'talba isbaħ jista' jitlob, x'xewqa akbar jista' jesprimi?

Min hu l-ħaddiem? Kull min jaqla' l-għajxien tiegħu bix-xogħol — kien x'kien; kull min jiddedika ruħu għal xi attivita' sabiex iservi lill-familja jew lill-komunita'. Għalhekk min jaħdem bil-moħħ, bl-idejn, bil-pinna jew bil-għodda — fit-tarzna, fil-fabbriki, fil-ħwienet, fit-toroq, fl-Universita' u fl-iskejjel, fl-uffiċini, fl-isptarijiet, fl-għelieqi u fil-laboratorji — kulħadd hu ħaddiem, kulħadd jixraqlu trattament sewwa u ġust, kulħadd għandu l-bżonn tal-forzi u tal-grazzji meħtieġa biex jaqdi dmiru kif imiss.

U sabiex dan il-għan jitwettaq nitolbu illi bejn il-Maltin ikun hemm dik l-imħabba, dik l-għaqda sħiħa, dak ir-rispett illi mingħajrhom ebda poplu ċivili u evolut ma jista' jgħaddi 'l quddiem.

L-ewwel idea ta' l-Innu kienet l-idea ta' Omm ħelwa. L-aħħar leħen illi jdoqq f'widnejna u jagħmel eku f'qalbna bid-diwi tiegħu huwa tal-kelma **"sliem"** — il-paċi tant mixtieqa, il-vera mħabba u ħbiberija bejn il-Maltin kollha, huma min huma — u dan huwa l-awguriu illi l-lejla joħroġ mill-qiegħ ta' qalbi lil ħuti kollha Maltin.

Ngħożżuh dan l-Innu, u nkantawh bil-ħerqa u bil-qima u bl-umilta' kull meta tkun l-okkażjoni meħtieġa. Ma hemmx bżonn ta' vuċijiet sbieħ, ma hemmx bżonn ta' direzzjoni professjonali u kori mħarrġa. Inkantawh ilkoll flimkien bħalma jkantaw l-għasafar, bħalma tagħti l-warda l-fwieħa tagħha, bħalma nkantaw l-inni sagri fil-knisja: kbar u żgħar, żgħażagħ u xjuħ, bil-vuċi u bla vuċi bħalma nkantaw l-innijiet f'kemm-il tempju ta' żgħiritna, bħalma nkantaw per eżempju t-Tantum Ergo.

Għaldaqstant nibdew ngħollu din it-talba tant sabiħa lil Alla u Huwa fil-ħniena Tiegħu ma jistax ma jxerridx il-barka Tiegħu fuqna u fuq il-ġenerazzjonijiet li ġejjin. **Lil din l-Art ħelwa, l-omm li tatna isimha,** Malta tant żgħira, imma tant glorjuża u għażiża.

**Ħares Mulej kif dejjem int ħarist.**

## IL-BANDIERA MALTIJA



Ħekk, bajda u ħamra biss, irridek jiena,
Bandiera ħelwa ta' din l-art ħanina,
Għax kull meta s-sibbien ħabtu għalina
Ħekk, bajda u ħamra biss, rawk il-ħajjiena.

Bajda u safja bħas-sema fil-Libbiena,
Meta f'Novembru sajf ieħor jiġina;
Ħamra bħad-demm fuq wiċċ ta' xebba rżina
Minn dawk li int rabbejt għax-xogħ'l qalbiena.

Ħekk, bajda u ħamra biss; kull lewn barrani,
Li jitħallat ma' lwienek, ikun blu',
jew ikun aħdar, iħassarlek ismek.

Mhux ismek biss jitħassar, iżda ġismek,
Is sabiħ ġismek ma jibqax li hu:
Imbagħ'd...... ma jiswa xejn tibki l-warrani.

Dun Karm.

## F'JUM IL-ĦELSIEN TA' MALTA

*Lil dawk kollha li ħadmu għal dan il-għan*

**Għax żgħir fi ċkunitu kien dejjem mirfus
Dal-poplu qalbieni fost l-isbaħ mill-ġnus,
Għalkemm tqabdu miegħu nies kbar u saltniet
Il-ħeġġa li kellu bis-snin qatt ma ntfiet!
L-ibirba naqqewlu kull għana w 'l ulied;
Gonsalvo redagħlu sa l-aħħar qatriet;
It-Torok ħarbtulu l-imqades u s-swar;
L-Imsallba ċaħdulu l-jedd li jkun nies!
Is-Seqer ta' Franza ċarratlu ġenbejh
U saqqa t-trab tiegħu bid-demm ta' l-Eroj;
L-Ingliżi li waslu minn jeddu bi sħab
Fuq rasu telgħulu u żammu bħal sjied!
Ġirienna li ftaħru li jħobbu l-Maltin
Fis-siegħa tan-niket ħallewna mtertqin!**

* * *

**Ifhimha sa fl-aħħar fil-JUM TAL-ĦELSIEN
Itgħallem, ĠENS MALTI, li l-qawwa u d-deħ'n
Qegħdin fir-ruħ tiegħek li rebħet kull ħemm;
Issibhom fi LSIENEK, fil-FIDI, fid-DEMM
Li ċċarċar għall-FIDWA biex ksibna dar-REBĦ!**

**3 ta' Settembru, 1964 Ġużè Cardona.**

## PROGRAMM TAL-FESTI TA' L-INDIPENDENZA

(Jissokta mill-paġna 12)

fit-8 p.m. jingħata ''state banquet'' fil-Hotel Phoenicia.

Iċ-ċerimonja proprja tal-indipendenza tibda fl-10.30 p.m. tal-Ħadd, 20 ta' Settembru. Wara daqq ta baned militari, ''tattoo'' u żfin Malti, l-Arċisqof ibierek il-bandiera Maltija, tingħad it-talba ta' Dedikazzjoni u titla' l-Bandiera Maltija fl-Independence Arena, il-Furjana. Wara jkun hemm logħob tan-nar, ħġejjeġ u mixegħla. Jindaqqu l-qniepen tal-knejjes ma' Malta kollha.

It-Tnejn, 21 ta' Settembru, fil-11 a.m. wara li l-Arċisqof iqaddes quddiesa baxxa fix-Xagħra tal-Furjana jingħata l-ġurament lill-Governor-General, lill-Prim Ministru u lill-Ministri, u jsiru diskorsi qosra għall-okkażjoni.

Prince Philip jagħti lill-Prim Ministru d-Dokumenti Kostituzzjonali, ajruplani ta' l-R.A.F. jagħmlu ''flypast,'' jiġu sparati ''salutes'' mill-kanuni tal-frejgati u jitkanta Te Deum.

**Lawrji mill-Università**

Wara nofs in-nhar, fl-4.30 p.m. Prince Philip, il-Governor-General u l-Prim Ministru jirċievu lawrji ''honoris causa'' mill-Università Rjali ta' Malta. Imbagħad, fil-Pjazza tal-Palazz tinkixef skrizzjoni kommemorattiva li se tkun flok id-diskors tal-President Roosevelt, mal-ħajt ta' barra tal-Palazz. Id-diskors ta' Roosevelt se jitwaħħal in-naħa l-oħra pariġġ id-diskors tar-Re Ġorġ VI meta kien ta l-George Cross lil Malta.

Fil-5.45 p.m. il-High Commissioner tal-Ingilterra jippreżenta l-''letter of appointment'' tiegħu lill-Prim Ministru u kwarta wara jsiru marċijiet bil-baned fil-Belt. Bejn is-7 p.m. u d-9 p.m. jindaqq programm mużikali bil-kor fi Pjazza Reġina. Il-Gvernatur jagħti ''State Ball'' fil-Palazz fl-10 p.m.

Nhar it-Tlieta, 22 ta' Settembru, fl-10.15 a.m. jinfetaħ il-Parlament.

Fin-12.30 p.m. Prince Philip jitlaq minn Malta.

Fil-5 p.m. Mr. Duncan Sandys ipoġġi l-ewwel ġebla tal-bini l-ġdid tal-Università' Rjali ta' Malta. Fis-7 p.m. ikun hemm programm tal-baned bil-korijiet fi Pjazza Reġina, waqt li fil-pjazza tal-Kattidral, fl-Imdina team ta' kantanti Taljani, flimkien ma orkestra Taljana u xi membri Maltin, jagħmlu kunċert, kollox bi spejjeż tal-Gvern Taljan.

L-Arċisqof iqaddes quddiesa Pontifikali Kantata f'San Ġwann, fid-9 a.m. tat-23 ta' Settembru.

Fl-10 a.m. il-Prim Ministru jattendi għal ''rally'' tat-tfal fix-Xagħra tal-Furjana. Wara nofs in-nhar, fit-3 p.m., isiru tlielaq bil-muturi fil-Port il-Kbir u kwarta wara titjir u logħob mill-ajruplani tal-R.A.F. fuq l-istess lokal. Fis-6.30 p.m. jindaqqu marċijiet fil-Belt.

Ir-Royal Navy se tagħmel ''display'' fil-Port bejn it-8.15 p.m. u d-9 p.m. Wara jsir pageant. Il-logħob tan-nar jibda fil-11 p.m. u dan ikun l-għeluq taċ-ċelebrazzjonijiet tal-indipendenza.

Id-delegati u l-mistednin jitilqu minn Malta l-għada.


**VAT 69** Finest Scotch Whisky

## IL-MILK MARKETING UNDERTAKING TAWGURA LILL-PUBBLIKU IX-XEWQAT IT-TAJBA FL-OKKAŻJONI TA'L-INDIPENDENZA TA' MALTA

*GOOD WISHES FOR THE FUTURE*

FROM

**AUTO SALES LTD.**

**Msida Road - Gzira**

**Suppliers of:**

OUTBOARD MOTORS
AIR CONDITIONERS
RADIOS & TELEVISIONS
TYRES
BATTERIES
LUBRICANTS
CARS & COMMERCIAL VEHICLES
CAR ACCESSORIES

**CASSAR MOTOR & EQUIPMENT CO.**
**202/3, Old Bakery Street, Valletta**

Agents for:
INTERNATIONAL HARVESTER MACHINERY
Consisting of:
CRAWLER TRACTORS
FARMING EQUIPMENT
BULLDOZERS
& other similar machines.
Tel. 26987




**SPRITEX**

AEROSOL PERFUMED
SPEEDILY KILLS
FLIES, WASPS,
MOSQUITOES AND
OTHER FLYING INSECTS

Agents:
**MESSRS. JOSEPH CASSAR**
207, Old Bakery Street, Valletta
Telephone: Central 24510

**Anthony & Joseph Pavia**
Photo Goods Dealers
40, Ordnance Str., Valletta
Tel. 26146

Developing, Printing, Enlarging
Next Day Service
Hire Purchase Terms Arranged

**J. DACOUTROS & SONS**



IMPORTERS, PRODUCERS U BOTTLERS TA'
**MBEJJED U SPIRTI**
JIFIRĦU U JAWGURAW SUĊĊESS U PROSPERITA'
LIL
MALTA INDIPENDENTI

# L-EWWEL ASSEMBLEA NAZZJONALI TAHT IT-TABIB SCEBERRAS

(Mill-Avukat Herbert Ganado)

**Hemm gallerija ta' l-injam fi Strada Magazzeni kantuniera ma' Strada Mercato, il-Furjana, kif kienu jissejħu fl-1918, illi hi marbuta ma' l-istorja ta' Malta. It-Tabib Filippo Sceberras, f'dik il-gallerija fuq daqsxejn ta' mejda kiteb ittra taħt forma ta' appell lill-Maltin kollha biex jingħaqdu taħtu u jitolbu l-ewwel Kostituzzjoni ta' Gvern responsabbli. Għadni naraħ, xwejjaħ ta' 70 sena, b'wiċċu tawwali mislut u b'dik id-daqna bajda li kienet tagħmlu tant distint, jikteb u jħassar u jerġa' jikteb din l-ittra storika li dehret fil-ġurnal "MALTA" fit-23 ta' Novembru, 1918.**

It-tabib Sceberras f'din l-ittra sempliċi sejjaħ lill-Maltin kollha biex, jekk iridu, jingħaqdu taħtu biex jitolbu u jinsistu għad-dritt tagħhom li jiggvernaw lilhom infushom. Hemm bżonn, kienet tgħid testwalment din l-ittra, li l-Maltin jingħaqdu "come un sol uomo... in un momento in cui si ha ragione di convincersi che i Maltesi siano sul punto di riaffermare i loro diritti ed assicurare una forma di Governo consentanea alle loro aspirazioni... è una causa d'onore dalla quale dipende il futuro di Malta... se si vuole un uomo, senza influenze di partiti, ma animato esclusivamente dal bene del paese, sono pronto ad assumere l'iniziativa del movimento invitando insin da ora tutti i Corpi costituiti a delegare rappresentanti per formulare una petizione popolare, malgrado che la mia malforma salute non mi permetta simili iniziative. Sento pero' che devo compiere il mio dovere."

It-tabib Sceberras kellu kważi sebgħin sena. Kellu fuqu d-diabete u l-mard tal-qalb, l-anġina, iżda kien, bla dubju, l-uniku bniedem rispettat, maħbub, popolari, li kien jista' jiġbor taħtu l-Maltin kollha. U għalhekk ma tax każ ta' saħħtu, iżda, kif qal, ħareġ 'il quddiem biex jaqdi dmiru.

Jiena kont noqgħod il-Furjana, ftit bogħod minnu u, billi kien nannuhi tista' tgħid li trabbejt f'daru. U ta' tifel li kont, kien il-gost tiegħi niftaħ lil tal-posta li beda jġib l-ittri ta' adesjoni minn Malta kollha għal dak l-appell u kont ta' kuljum noħodhom fl-istamperija ta' "Malta" biex jiġu ppubblikati.

L-ewwel adesjoni kienet taċ-"Circolo Giovane Malta" fejn illum fi Strada Santa Lucia kantuniera ma' Strada Rjali hemm l-Overseas Club u fejn iltaqgħet fis-sala kbira ta' dak iċ-ċirkolu, l-ewwel Assemblea Nazzjonali. It-tieni ittra kienet tal-Prokuraturi Legali. Imbagħad bagħtu l-adesjoni tagħhom il-Kanoniċi tal-Kapitolu ta' San Pawl tal-Belt. L-għada ngħaqdu mal-moviment il-Kamra ta' l-Avukati. L-istudenti universitarji kienu minn ta' l-ewwel. Fil-ġranet ta' wara, l-ittri ta' adesjoni bdew ġejjin daqs ix-xita: tobba, kappillani, ħaddiema, in-nobbli, il-Kapitoli kollha, il-Każini u l-għaqdiet u l-baned ta' Malta u Għawdex kollha kemm huma. Fost l-ewwel delegati għal din l-Assemblea Nazzjonali kien hemm l-aqwa nies tal-pajjiż. Nies ta' kull kulur politiku minn Mizzi, Ugo Mifsud u Dandria sa Strickland u Bartlu.

Il-mossa patrijottika tat-tabib Sceberras kienet irnexxiet.

L-ewwel Assemblea Nazzjonali ltaqgħet fil-"Giovane Malta' fil-25 ta' Frar, 1919. Naturalment ġie elett President it-tabib Sceberras. Sadattant folol kbar ta' nies, eċċitati u mimlija bl-entużjażmu ngabru Strada Rjali biex jagħmlu dimostrazzjoni lix-xwejjaħ Sceberras u juruh li huma wkoll qalb waħda miegħu.

L-Assemblea, wara diskussjoni dwar liema riżoluzzjoni kellha tagħżel, għaddiet għall-unanimità, ħlief vot wieħed, ir-riżoluzzjoni li kien lesta l-"Comitato Patriottico" ta' Monsinjur Panzavecchia. It-tabib Sceberras kien lesta wkoll riżoluzzjoni tiegħu, sempliċi u qasira. Ħafna kienu favur tagħha. Iżda malli ra li l-Assemblea setgħet tinqasam u jidħlu l-partiti, f'moviment li kien nazzjonali, irtira minnufih ir-riżoluzzjoni tiegħu u għaddiet l-oħra tista' tgħid bi-unanimità. Il-Professur Bartolo, l-editur ta' "Malta Chronicle", li kien il-ġurnal bl-Ingliż ta' kuljum ta' allura, ma vvontahix u baqa' jrid ir-riżoluzzjoni tat-tabib Sceberras

Ir-riżoluzzjoni li għaddiet kienet tibda biex issemmi illi l-Maltin fl-1780 kienu saru indipendenti u minn rajhom kienu qiegħdu ruħhom taħt il-protezzjoni tal-bandiera Ingliża, kienet tiddeplora illi l-Gvern Ingliż, ma' tul l-120 sena ta' storja Maltija, kien kiser il-pattijiet illi bihom il-Maltin kienu aċċettaw il-protettorat ta' l-Ingilterra, kienet tirriafferma d-dritt naturali u storiku tal-Maltin għall-gvern li jkun jistħoqq lir-razza u liċ-ċiviltà tagħhom u li jkun jaqbel ma' dawk i-prinċipji illi għalihom l-alleati kienu ġġieldu f'dik il-gwerra ta' l-1914-1918 u fl-aħħarnett ir-riżoluzzjoni kienet titlob rispettożament lill-M.T. ir-Re forma ta' Gvern li jassigura lill-poplu Malti l-awtonomija fi ħwejġu skond il-prinċipji ta' l-istess Kostituzzjoni Ingliża u l-wegħda li l-President Wilson ta' l-Istati Uniti fid-diskors tiegħu tat-28 ta' Diċembru, 1915, kien għamel lid-dinja.

It-tabib Sceberras ftit qabel dik il-laqgħa kien ser imut bi pneumonite u għalhekk il-laqgħa kienet damet ma saret sa Frar. Waqt is-seduta l-Professur Preziosi, ħabib tal-qalb tiegħu, li mbagħad, wara l-aħħar gwerra, ippresjieda t-tieni Assemblea Nazzjonali, żammu l-ħin kollu taħt għajiejh għaliex kien hemm il-biża' li jerġa' jagħtih attakk f'qalbu.

Fl-20 ta' Mejju, 1919, il-Lieutenant Governor Mr. Robertson, bagħat ittra lit-tabib Sceberras illi biha qallu illi s-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji kien beħsiebu jitlob lill-Gvernatur il-ġdid, il-Ġeneral Viscount Plumer, biex malli jasal Malta, jistudja safejn kien possibbli li l-Maltin jieħdu sehem ikbar fil-gvern tagħhom, mingħajr preġudizzju ta' l-interessi tal-fortizza.

Sadattant fil-pajjiż kien hawn ferment kbir. Il-poplu kien irid il-gvern responsabbli. Il-ħajja kienet għoliet ferm, wara dik il-gwerra, u l-iktar li kien għola kien il-ħobż li kien wisq ogħla mil-lum u lanqas kien tajjeb. Kienet saret, ftit qabel, it-taxxa tal-wirt. L-istudenti kellhom kwistjoni fuq il-kors tagħhom. Is-salarji u l-pagi kienu baxxi. Il-ġurnali, bħal "Malta", "L-Unjoni Maltija," "Il-Ħmar," "La Voce del Popolo" kienu ħeġġu l-popolazzjoni kultant b'artikoli ebsin sewwa. U għalhekk, meta fis-7 ta' Ġunju, 1919, iltaqgħet għat-tieni darba l-Assemblea Nazzjonali, fit-3 ta' filgħaxija, Strada Rjali kienet fgata bin-nies taħt eċċitament kbir.

Bdew l-inċidenti u d-dimostrazzjonijiet. Il-folla kienet bdiet tattakkka xi ħwienet li ma kenux għalqu għall-okkażjoni. Folla oħra marret fil-Liċeo u qattgħet bandiera Ingliża li kienet fuq l-uffiċċju metereoloġiku. Folla oħra attakkat u kissret l-istamperija tal-Chronicle. Folla oħra bdiet tattakka xi djar fi Strada Forni u Strada Santa Lucia. Il-pulizija, li allura ma kenitx numeruża, tilfet il-kontroll tas-sitwazzjoni. Ġew imsejħa t-truppi. It-truppi bdew jiġu attakkati. U sparaw fuq il-folla. Mietu erbgħa min-nies u oħrajn ġew feruti.

Għadni nara mill-gallerija ta' Zerrek, fejn kont qrib il-"Giovine Malta," ġuvni għaddej kollu dmija, fost folla kważi deliranti bil-bnadar Maltin f'idejha. U meta niftakar għadni nħoss ir-rieħa tal-polvri f'nifsejja.

Sadattant fl-Assemblea Nazzjonali kien hemm diskussjoni twila dwar liema riżoluzzjoni tiġi vvutata. Bdiet tiġri x-xniegħa fl-Assemblea li kien qed jinxtered id-demm. F'daqqa waħda l-poplu daħal fis-sala ta' l-Assemblea b'ġuvni ferut kollu demm. Qam eċċitament kbir u paniku. L-Assemblea setgħet sfrattat bla ebda deċiżjoni u l-Gvernatur seta' ma jippermettix, wara dawk l-irvellijiet, li terġa' tiltaqa'. Kien Monsinjur De Piro, il-benefattur kbir



Mill-gallerija tal-Palazz qed tiġi mħabbra l-ewwel Kostituzzjoni ta' Malta minn Sir Filippo Sceberras fl-1921.



Il-ftuħ ta' l-Assemblea ta' l-ewwel Kostituzzjoni ta' l-1921.

LOEWE OPTA TELEVISION

LINDE REFRIGERATORS

INDESIT
FULLY AUTOMATIC WASHING MACHINES

TRIPLEX COOKERS

FROM

WESTERN RADIO SERVICE
(CONSIGLIO D'AMATO)
701, High Street, Hamrun.
Tel. 28356



CHIANTI
RUFFINO
SOLE AGENTS
CAPT. A. CARUANA

## L-EWWEL ASSEMBLEA NAZZJONALI TAĦT IT-TABIB SCEBERRAS

ta' l-iltiema, li salva s-sitwazzjoni. Qam u ppropona li l-President Sceberras jagħżel riżoluzzjoni, jagħmilha tiegħu u jqegħidha għall-voti. Sceberras ħataf il-proposta, għażel ir-riżoluzzjoni tan-Nutar Borg Olivier, li kienet tiġbor fiha l-fehmiet tad-diversi opinjonijiet u qegħidha għall-voti. Ġiet approvata unanimament. U l-Assemblea kellha konklużjoni x'tibgħat lill-Gvern Ingliż.

L-irvellijiet komplew il-Ħadd u t-Tnejn. L-Isqof Portelli, it-tabib Sceberras, l-Avukat Alfredo Caruana Gatto, Dr. Serafino Vella u oħrajn għamlu ħilithom biex jikkalmaw il-folol mill-galleriji. U għadni nara għand nannuhi, il-Furjana, lil Caruana Gatto, l-aqwa kriminalista ta' allura, irewwaħ bl-imrewħa, nervuż, prattiku u realista, lil Monsinjur De Piro, kalm u twajjeb, jiddiskutu kif isalvaw is-sitwazzjoni.

Il-Gvernatur Plumer ġie f'pajjiżna qalb il-bajunetti. Għall-ewwel ried juża l-id iebsa. Bagħat bi speċi ta' ordni għat-tabib Sceberras biex imur il-Palazz. Sceberras bagħat igħidlu li hu ma jirċevix ordnijiet. Plumer biddel minnufih it-ton u stiednu imur biex flimkien jistudjaw kif il-Maltin jiġu kkuntentati. U minn dak in-nhar Sciberras u Plumer ħadmu flimkien biex tiġi Kostituzzjoni tajba.


L-Onor. Anthony Pellegrini, mexxej tal-Partit tal-Ħaddiema Nsara.


L-Onor. Herbert Ganado, mexxej tal-Partit Demokratiku Nazzjonalista.


L-Onor. Mabel Strickland, mexxejja tal-Partit Kostituzzjonali Progressiv.


Sir Filippo Sceberras li kien il-promotur u president ta' l-ewwel Assemblea Nazzjonali meta ġiet il-Kostituzzjoni ta' l-1921.


Sir Luigi Preziosi li għaqqad it-tieni Assemblea Nazzjonali għall-Kostituzzjoni ta' l-1947.

L-Assembea, peress li kien perikoluż li tiltaqa' l-Belt, iltaqgħet f'Villa Gourgion, il-villa tal-familja De Piro f'Ħal Lija, fit-8 u fis-26 ta' Awissu, 1919. U l-kumitat tagħha, fl-intervall, studja forma ta' *Kostituzzjoni li mbagħad,* fil-linji ġenerali tagħha, ġiet approvata mill-Gvern Ingliż.

Ft-30 ta' April, 1921, l-ewwel Kostituzzjoni ta' Gvern responsabbli Malti ġiet proklamata. It-tabib Sceberras kellu dimostrazzjonijiet kbar u kważi l-każini ta' Malta kollha, għamluh president onorarju. Il-Każin Malti għamel ritratt tiegħu taż-żejt. L-Università tatu l-lawrija tad-dutturat fil-liġi honoris causa. Plumer, li ġie qalb il-bajunetti, ħalla pajjiżna, snin wara, jibki bħal tarbija fost xita ta' fjuri u ta' applawsi. Kien bniedem li kien jaf jaħtaf sitwazzjoni xi trid.

Għad għandi quddiem għajnejja lill-Prince of Wales, ġuvni simpatiku, dħuli, popolari, isellem lill-poplu mill-gallerija tal-Palazz f'dik il-ġurnata tat-30 ta' April, 1921. Prinċep ieħor simpatiku, 43 sena wara, ser jerġa' jitfaċċa *fl-istess gallerija meta Malta* ssir indipendenti.

Hekk tgħaddi l-istorja. U hekk tgħaddi l-ħajja. In-nies u l-folol jitbiddlu. Iżda Malta, art twelidna, art missirijietna u wliedna, tibqa' hemm. Jalla tibqa' dejjem art tal-fidi nisranija għax ir-reliġjon biss timla bi spirtu ta' progress veru l-forom differenti ta' gvern. Indipendenti fil-ħajja politika. Iżda dipendenti dejjem minn Alla l-Imbierek li jrid iżommna hu fil-provvidenza tiegħu.

PASTA PORTELLI
L-għażla ta' dawk
li jixtru biss l-aħjar għaġin
Meta tirreġistra għar-RAZZJON
għażel l-uniku għaġin ippreferut
minn 13-il pajjiż saħansitra fl-ITALJA
Għażel dejjem . . . .
PASTA PORTELLI

JOHN HALL & SONS
(BRISTOL & LONDON) LIMITED
MANIFATTURI TAL-MAGħRUFA
ŻEBGĦA BROLAC
FLIMKIEN MA'
L-AĠENTI LOKALI TAGĦHOM
VEE-GEE-BEE
JWASSLU L-FERĦ SINĊIER TAGĦHOM
LILL-POPLU MALTI U GĦAWDXI
FL-OKKAŻJONI TA' L-INDIPENDENZA

Bubble-Up
THE AMERICAN DRINK WITH
A KISS OF LEMON
A KISS OF LIME
AND...
A CHANCE FOR YOU
TO WIN A PRIZE!
BUBBLE-UP bottles now carry Prizes
When next you buy a BUBBLE-UP
look under the cork — you may win 2/6d!
Take the winning crowns to your dealer or ask the MARSOVIN Salesman on the truck to change them for you.
D.P.L. 32/64

ZETA - CONSUL Typewriters
PORTABLE & STANDARD
(Including removable carriage portables)
Fully guaranteed free serviced
by trained mechanics
Prices from £17 - 17 - 6.
Sole Malta Concessionaire:
JOSEPH LUCIA
28, South Street, Valletta Dial 26258

Ixtri l-aħjar saqqijiet
HYPNOS u
VITAFOAM
mingħand
A. C. CALLEJA & CO.
334, St. Paul's Street, Valletta
u gawdi roħs speċjali fil-prezzijiet
ma' tul il-granet tal-festi ta' l-Indipendenza
Issibu sodod u pultruni li jinfethu f'sodod
ta' l-aqwa kwalità.

CANADIAN BROS.
30,, MANNARINO ROAD,
BIRKIRKARA
AĠENTI LOKALI TAL-KARROZZI
SIMCA
JIFIRĦU U JAWGURAW
FUTUR KOLLU PROSPERITA'
LILL-GVERN U LILL-POPLU
TA'
MALTA INDIPENDENTI

JOHN ABELA (1883) & SON LIMITED
Abela's Buildings, Malta
Telegrams:
"IRONSTEEL - MALTA"
All Codes Used
Direct Importers and Dealers in all kinds of Engineering and Building Materials.
We place at your Disposal our 81 Years Experience in Importing Similar Materials.
Dial 24575

## GWIDA T.V.

### PROGRAMM NAZZJONALI

**Is-Sibt, 19 ta' Settembru:** 6.00 La TV dei ragazzi. 7.00 Telegiornale. 7.20 Gli antenati. 7.45 L'isola della foche. 8.00 Tempo dello Spirito. 8.15 Sports. 8.30 Telegiornale. 9.00 XII festival della canzone Napoletana. Telegiornale.

**Il-Ħadd, 20 ta' Settembru:** 11 Santa Messa. 6.00 La TV dei ragazzi. 7.00 Telegiornale. 8.15 Sports. 8.30 Telegiornale. 9.00 Documentario. 11.25 Sports. Telegiornale.

**It-Tnejn, 21 ta' Settembru:** 6.00 La TV dei ragazzi. 7.00 Telegiornale. 7.15 Carnet di musica. 8.00 Sports. 8.30 Telegiornale. 9.00 Le avventure del Capitano Cook. 10.00 Soovenir di Studio Uno. 11.00 Telegiornale.

### IT-TIENI PROGRAMM

**Is-Sibt, 19 ta' Settembru:** 9.00 Telegiornale. 9.15 Al cavallino bianco. 10.45 Sports.

**Il-Ħadd, 20 ta' Settembru:** 9.00 Telegiornale. 9.15 Sports. 10.05 Play.

**It-Tnejn, 21 ta' Settembru:** 9.00 Telegiornale. 9.15 Hollywood. 10.55 Sports. Telegiornale.

### M. T. V.

**Is-Sibt, 19 ta' Settembru:** 6.30 TV għat-Tfal; 7.15 Aħbarijiet; 7.44 Hullabaloo; 8.06 The Anzacs; 8.32 Maverick; 9.20 The Dinner Party; 10.15 Aħbarijiet.

**Il-Ħadd, 20 ta' Settembru:** 6.30 TV għat-Tfal; 7.15 Aħbarijiet; 7.35 Classical Ballet. 8.00 No Hiding Place 8.50 Din l-art ħelwa. 9.35 Espionage; 10.25 News; 10.45 Għeluq il-Jum.

**It-Tnejn, 21 ta' Settembru:** 6.30 TV għat-Tfal; 7.15 Aħbarijiet; 7.45 Art of Music 8.11 Markham; 8.37 Mid-Dinja Kattolika; 8.50 The avengers 9.43 This land so fair. 10.28 News.

PIRISOL
JUNIOR ASPIRIN

2/-
FOR COLDS, 'FLU, TOOTHACHE INSOMNIA AND PAIN.


A NEW FORM OF ASPIRIN SOLUBLE, SAFE WITH THE POPULAR ORANGE FLAVOUR AT CHEMISTS
Cupal products are best value
Trade Enquiries:
IGNAZIO ANASTASI LTD
Ħamrun — Central 26232

## GWIDA TAL-MISSAL

*Il-Ħadd, 20 ta' Settembru*: 18-il Ħadd fuq Għid il-Ħamsin. 2 Klassi. Aħdar. Quddiesa proprja. Gloria. Orazzjoni proprja. Kredu. Prefazju tat-Trinità.

*It-Tnejn, 21 ta' Settembru*: San Mattew App. u Evanġ. 2 Klassi. Aħmar. Quddiesa proprja. Gloria. Orazzjoni proprja. Kredu. Prefazju ta' l-Appostli.

*It-Tlieta, 22 ta' Settembru*: San Tumas minn Villanova, Isqof Konf. 3 Klassi. Abjad. Quddiesa komuni, Statuit. Gloria. 1 Orazzjoni proprja. 2 Orazzjoni ta' San Mawrizju M. Prefazju komun.

*L-Erbgħa, 23 ta' Settembru*: Kwattru Tempi ta' Settembru. 2 Klassi. Vjola. Quddiesa proprja. Mingħajr Gloria u Kredu. Profezija. I Orazzjoni proprja. 2 Orazzjoni ta' San Linu Papa (mill-quddiesa komuni tal-Papiet Si diligis me). Prefazju komun.

*Il-Ħamis, 24 ta' Settembru*: Ferja. 4 Klassi. Aħdar. Quddiesa tal-Ħadd li għadda. Mingħajr Gloria u Kredu. 1 Orazzjoni mill-istess quddiesa. 2 Orazzjoni tal-Madonna de Mercede. Prefazju komun. Jista' jsir quddies votiv jew tal-mejtin.

*Il-Ġimgħa, 25 ta' Settembru*: Kwattru Tempi ta' Settembru. 2 Klassi. Vjola. Quddiesa proprja. Mingħjar Gloria u Kredu. Orazzjoni proprja. Prefazju komun.

*Is-Sibt, 26 ta' Settembru*: Kwattru Tempi. 2 Klassi. Vjola. Quddiesa proprja. Mingħajr Gloria u Kredu. Profezija. 1 Orazzjoni proprja. 2 Orazzjoni ta' San Ċiprijanu u Gustina. Prefazju komun.

**RIŻULTAT TA' BADBE DAY**

Is-somma miġbura fil-Badge Day li saret l-Isla fil-granet tal-festa ta' Marija Bambina laħqet l-ammont ta' £12 1s 1½d.

## LIL MALTA ĦIELSA

Għall-ewwel darba fuq rasek imqiegħda
rajna kuruna ta' saltna bla demm:
Malta Maltija, kif ħolmok mwiegħda
dal-poplu mbierek, li rebbħek fil-hemm.

Qaddejja tiegħek irridu nsellmulek,
Malta meħlusa bil-qawwa tas-sliem;
Inti rebbieħa b'uliedek ma' djulek
ħallejt il-ktajjen fi ġlieda ta' kliem.

Qawwi, Mulej, it-Twemmin ta' Gżiritna,
biex tibqa' Malta kif riedha San Pawl,
u tferrex ħieles il-leħen ta' Sidtna
fuq dinja mdallma, li lemħet id-dawl.

3.9.64. (Can.) AMANTE BUONTEMPO.

BACI PERUGINA
Sole Agent for Malta:
C. CAMILLERI & SONS (Est. 1843)
50 - 51, Merchants Street, Valletta. — Tel. 24256

AWSTRALJA
IVVJAĠĠJA GĦAL HEMM BIL-VAPURI TAL-
LAURO LINES
li għandhom servizz regolari minn Malta kull xahar. Għal tagħrif bir-reqqa, irrikorru għand:
l-Aġenti Ġenerali SULLIVAN & SULLIVAN, 150, St. Lucia Street, Valletta.

DACOUTROS BOTTLING CO. LTD.
AUTHORIZED BOTTLERS TA'
CANADA DRY
XORB TA' KWALITA'

### L-ISTORJA TAL-CANADA DRY

Fl-1904, John J. Mc. Laughlin li kien jgħix f'Toronto Canada skopra proċess kif tiġbed u żżomm l-aroma delikata ta' l-għeruq tal-ġinġer ta' Jamaica. Huwa preċiżament dan l-estratt li jifforma l-bażi tas-suċċess tal-ginger ale tagħna.

Oriġinalment il-kumpanija kienet iġġib l-isem Canada Dry Ginger Ale Ltd. 'Canada' minħabba l-oriġini tagħha, 'Dry Ginger Ale' għax dan kien il-prodott li l-kumpanija kienet tipproduċi fil-bidu. Ginger Ale kien tant popolari illi l-fama tiegħu xterdet ma' l-Amerika u partijiet oħra taddinja u wara ftit in-nies bdew jistaqsu għall-Canada Dry. U b'hekk inħoloq l-isem.

Canada Dry issa jipproduċu Mixers, flavours u squashes, Cordials u fruit juices. Il-prodotti huma konsistenti fil-kwalità u t-togħma maddinja kollha.

JAWGURAW
SUĊĊESS U PROSPERITA'
LIL
MALTA INDIPENDENTI



# ID-DITTA:

# MORPHY-RICHARDS (Cray) LTD.

Permezz ta' l-Aġenti tagħha

għal Malta

## V. & F. PORTELLI & SONS

ta' Triq San Pawl, il-Belt

TAWGURA LILL-POPLU MALTI

u b'mod partikulari lill-Klijenti tagħha

**HENA U ĠID MATUL IL-ĦAJJA ĠDIDA**

**TA' L-INDIPENDENZA**

**Filwaqt li tiggarantixxi li tibqa' tagħti s-servizzi tagħha għall-oġġetti utili fid-dar li jaħdmu bl-Elettriku.**

Dawn huma ftit mill-ħafna oġġetti li jinsabu dejjem għall-bejgħ mingħand il-bejjiegħ li soltu tixtru minn għandu.



DRY IRON



FAN HEATER



SHAVER



HEATER



DOOR CHIMES




Stampat fl-"EMPIRE PRESS"